**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 16 ta' Mejju 2016**

Numru 8

**Rikors Guramentat Nru. 218/2016**

**Bank of Valletta p.l.c.**
**vs**
**Carlos Aquilina**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-bank attur tat-18 ta' Marzu 2016 li jghid hekk:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Lia datat 16 ta' Lulju 2008 (Dok. "A") fejn is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Carlos Aquilina.

2. Illi s-socjeta attrici tinsab kreditrici ta' Carlos Aquilina fis-somma ta' mija u sitta u erbghin elf, tlett mija u tlieta u tletin ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€146,333.27), bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Carlos Aquilina mal-Bank of Valletta p.l.c, (Dok. "B1 sa B2" u "C1 sa C2") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-10 ta' Marzu 2016 sad-data tal-effettiv pagament.

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn ezibiti bhala Dok. "A"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Carlos Aquilina
(a) naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Carlos Aquilina li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici.

4. Illi l-attur nomine jaf bil- fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenut Carlos Aquilina gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 7 ta' April 2015 li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok. 'D', sabiex jithallas

id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa’ inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghid l-konvenut ghaliex ma ghandhiex Din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti jogghobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn ezibit bhala Dok. "A"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Carlos Aquilina (a) naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kien inadempjenti f’obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Carlos Aquilina li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hlas Iura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici, u

2. Tikkundanna IiI Carlos Aquilina jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u sitta u erbghin elf, tlett mija u tlieta u tletin ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€146,333.27), bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Carlos Aquilina mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B2" u "C1 sa C2") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-10 ta' Marzu 2016 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 7 ta' April 2015 u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi prezentat kontestwalment kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tal-bank attur;

Rat li l-konvenut debitament notifikat baqa’ kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta’ Rose Cortis, rapprezentanta tal-legal office tal-bank attur li kkonfermat bil-gurament taghha li ma sar ebda hlas u sitwazzjoni ghadha li kienet meta giet prezentata l-kawza.

Mill-atti tal-kawza jidher illi l-konvenut naqas fl-obbligi tieghu fil-konfront tal-bank u l-ftehim milhuq mieghu u ghalkemm interpellat sabiex jikkonforma ruhu ma’ dak miftiehem baqa’ inadempjenti. Ghalhekk il-Qorti tqis illi l-bank hu gustifikat fit-talbiet tieghu.

**Decide**

Il-Qorti qed tiddisponi mill-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lil konvenut jhallas lil-bank attur l-ammont ta’ mija u sitta u erbghin elf, tlett mija u tlieta u tletin

ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€146,333.27), bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" tal-istess konvenut skont it-talbiet u dokumenti esebiti, flimkien mal-imghax ulterjuri mill-10 ta' Marzu 2016 sad-data tal-effettiv pagament. Spejjez ghall-konvenut.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur